



# Miżuri għall-indirizzar ta' xogħol mhux iddikjarat fl-Unjoni Ewropea

## Sinteżi

### Daħla

Fis-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (UE27) u fin-Norveġja, qiegħed isir sforz konsiderevoli fl-iżvilupp u fl-ittestjar ta' miżuri politiċi li għandhom l-għan li jindirizzaw ix-xogħol mhux iddikjarat. Għalkemm saru għadd ta' tentattivi preċedenti sabiex jiddeskrivu s-sensjela ta' miżuri użati f'pajjiżi differenti, karatteristika li tinsab nieqsa hija 'bank ta' għarfien', li speċifikament jidentifika miżuri li jkunu ġew ippruvati u rriżultaw bħala li huma tassew effikaċi. F'tentattivi sabiex timtela din il-lakuna ta' għarfien, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) daħlet fi proġett sabiex tiżviluppa tali riżorsa billi tikkummissjona riċerka li tistudja l-effikaċja ta' miżuri politiċi, kif ukoll tivvaluta t-trasferibbiltà ta' tali miżuri.

L-ewwel pass lejn l-iżvilupp ta' riżorsa ta' dan it-tip sar bir-rapport ippubblikat fl-2008, li kkummissjona eżami mill-ġdid tal-effikaċja tal-miżuri politiċi adottati f'ħames pajjiżi: il-Belġju, id-Danimarka, l-Italja, il-Polonja u r-Renju Unit. Dan ir-rapport iwessa' l-ambitu tal-istudju oriġinali billi jeżamina miżuri politiċi fi 28 pajjiż (l-Istati Membri tal-UE u n-Norveġja). Jippreżenta wkoll kapitulu ġdid dwar in-natura u l-ammont ta' xogħol mhux iddikjarat fl-UE27, abbażi tar-riżultati tal-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2007. Ir-riżultat ta' din l-inizjattiva huwa bank ta' għarfien imwessa' ħafna, li jeżamina mill-ġdid sa tliet miżuri politiċi f'kull wieħed mit-28 pajjiż kopert. Għaldaqstant huwa jirrappreżenta l-ewwel pass importanti lejn il-ħolqien ta' ċentru ta' tagħlim komprensiv jew bank tar-riżorsi li fih l-imsieħba soċjali jistgħu jikkontribwixxu u jaqsmu għarfien dwar kif għandu jkun indirizzat ix-xogħol mhux iddikjarat, jeżaminaw mill-ġdid evalwazzjonijiet tal-inizjattivi politiċi, u jesploraw il-fattibbiltà u t-trasferibbiltà tagħhom f'setturi, pajjiżi u professjonijiet oħrajn.

### Kuntest politiku

Minħabba li x-xogħol mhux iddikjarat jolqot lill-Istati Membri kollha tal-UE, din hija waħda mill-kwistjonijiet ta' tħassib komuni fil-qasam tal-impjegi u jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-finanzi pubbliċi, minħabba l-ħela li din timplika fir-rigward tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali. Ix-xogħol mhux iddikjarat għandu wkoll impatt negattiv fuq l-individwi f'dak li jirrigwarda l-kopertura tas-sigurtà soċjali. Sabiex ikun indirizzat ix-xogħol mhux iddikjarat fl-UE27 in general, kif ukoll f'pajjiżi individwali, huwa importanti li jitnaqqsu l-inċentivi ekonomiċi li jinkoraġġixxu lill-individwi jagħmlu xogħol mhux iddikjarat u li jinbidlu l-attitudnijiet. Mit-tieni Komunikkazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar ix-xogħol mhux iddikjarat, *L-intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat*, fl-2007, ġie mħeġġeġ użu akbar ta' miżuri perswassivi kif ukoll diswassivi. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li, għalkemm qegħdin jiġu adottati miżuri diswassivi, kurattivi u preventivi, huma f'tit il-pajjiżi li qegħdin jimplementaw miżuri li jinkoraġġixxu l-moralità fiskali; għaldaqstant, huma jirrakkomandaw użu akbar ta' inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni sabiex jinbidlu l-attitudnijiet f'dan ir-rigward.

Minħabba ż-żieda fl-isperimentazzjoni minn meta beda l-millennju l-ġdid b'firxa ta' approċċi u miżuri politiċi differenti, sar dejjem aktar kruċjali għall-imsieħba soċjali li jitgħallmu minn xulxin dwar x'jaħdem u x'ma jaħdimx. Madankollu, għalkemm ittiegħu diversi azzjonijiet politiċi fl-Istati Membri, hemm nuqqas ovvju ta' evalwazzjoni tar-riżultati u ta' ġbir ta' esperjenza. Il-problema li nqalgħet min-nuqqas ta' tagħlim reċiproku kkoordinat kien enfasizzat ukoll f'riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-2008 li kienet tħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jintensifikaw il-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat. Ir-riżoluzzjoni talbet lill-Kummissjoni sabiex

tikkunsidra l-foqien ta' bażi tad-dejta 'dwar id-diversi approċċi u miżuri implimentati fuq livell nazzjonali minn kull Stat Membru, sabiex tiġi valutata l-fattibbiltà u t-trasferibbiltà tagħhom għal setturi u oqsma tax-xogħol oħrajn fi Stati Membri oħrajn'.

## Riżultati ewlenin

S'issa, id-diskussjoni infurmata dwar kif għandu jkun indirizzat ix-xogħol mhux iddikjarat kemm fl-UE27, kif ukoll fil-pajjiżi individwali, kienet imfixkla bil-kbir min-nuqqas ta' fehim dwar in-natura ta' xogħol mhux iddikjarat. L-istudju wera li xogħol mhux iddikjarat mhux l-istess kullimkien – pereżempju, f'dak li jirrigwarda t-tip ta' xogħol mhux iddikjarat, it-tqassim settorjali tiegħu u r-raġunijiet li jgħiegħu lil persuna tagħmel dan it-tip ta' xogħol. Għalhekk, miżura politika għall-indirizzar ta' xogħol mhux iddikjarat li tkun importanti f'pajjiż jew reġjun partikolari tista' tkun inqas effikaċi f'pajjiż ieħor. B'hekk, l-approċċ ta' 'kejl wieħed għal kullħadd' mhuwiex adatt għall-indirizzar tax-xogħol mhux iddikjarat; minflok, l-approċċi u l-miżuri politiki għandhom ikunu mfasla b'mod li jixirqu ċ-ċirkostanzi partikolari li jeżistu f'pajjiżi u f'reġjuni differenti.

Sabiex wieħed jifhem il-firxa ta' prassi li jintużaw bħalissa fil-pajjiżi individwali, intużat tipoloġija tal-approċċi u l-miżuri politiki potenzjali disponibbli li tidistingwi bejn żewġ approċċi politiki wisgħin: approċċ diswassiv, li jfittex li jidentifika u jikkastiga n-nuqqas ta' konformità u approċċ li jiffoka fuq l-inkoraġġiment pożittiv ta' mġiba konformi. Ir-riżultat ewlieni huwa dak li fil-pajjiżi mistħarrġa, l-approċċ diswassiv ġie adottat b'mod tradizzjonali fi sforz sabiex tiżdied il-possibbiltà reali jew perċepita tal-iskoperta u l-penali. Madankollu, f'dawn l-aħħar snin, b'mod partikolari minn meta ġiet ippubblikata l-Linja gwida nru 9 dwar il-Politika tal-Impjeg fl-2003, kien hemm żieda notevoli fl-użu ta' approċċ aktar implimentattiv, b'miżuri li jfittxu li jiffaċilitaw il-formalizzazzjoni aktar milli jikkastigaw l-impjeg informali. Dawn jinkludu: miżuri preventivi li jwaqqfu n-nuqqas ta' konformità mill-bidu; inċentivi li jinkoraġġixxu l-ħaddiema mhux iddikjarati sabiex jgħaddu għax-xogħol iddikjarat; u miżuri li jrawmu fedeltà lejn il-moralità fiskali. Minkejja dawn il-miżuri, l-adozzjoni ta' inizjattivi li joħolqu impenn għall-'moralità fiskali' s'issa kienet relattivament baxxa.

Evalwazzjoni tal-firxa wiesgħa ta' approċċi u miżuri politiki li jeżistu fl-UE27 u fin-Norveġja tagħti ħarsa ġenerali lejn l-aħħar prattika u tippreżenta xi eżempji prattiċi f'dan il-qasam. L-inizjattivi adottati jinkludu

miżuri diswassivi, miżuri preventivi, miżuri 'kurattivi' li jippruvaw jilleġittimizzaw xogħol mhux iddikjarat, u miżuri li għandhom l-għan li jibdlu l-attitudnijiet u joħolqu rispett għall-ħlas tat-taxxi. Riżultat ewlieni huwa li l-prattika tajba ma tfissirx biss l-għażla ta' miżuri politiki individwali li huma effikaċi fl-indirizzar tax-xogħol mhux iddikjarat, iżda wkoll l-eżami tal-modi l-aktar effikaċi kif wieħed jgħaqqad dawn il-miżuri politiki f'diversi kombinazzjonijiet u sekwenzi. Parti integrali tal-proċess ta' eżami mill-ġdid għandha għalhekk tkun l-evalwazzjoni ta' liema kombinazzjonijiet u sekwenzi ta' miżuri huma effikaċi u trasferibbli.

## Indikaturi politiki

- L-evalwazzjonijiet ta' miżuri speċifiċi jipprovdu bażi solida ta' evidenza għall-pajjiżi sabiex jiddeċiedu jekk għandhomx jittestjaw inizjattiva f'pajjiżhom stess.
- Hemm bżonn ta' aktar riċerka dwar l-effikaċja ta' miżuri politiki speċifiċi għall-indirizzar ta' xogħol mhux iddikjarat kif ukoll dwar it-trasferibbiltà tagħhom..
- Jeħtieġ aktar fehim dwar liema kombinazzjonijiet u sekwenzi ta' miżuri politiki huma l-aktar effikaċi u xierqa f'kundestji differenti.
- L-istudju juri li kienet aktar l-eċċezzjoni milli r-regola għall-pajjiżi li jitgħallmu mill-esperjenzi ta' pajjiżi oħra qabel ma jimplimentaw miżuri politiki. Għaldaqstant, għandhom ikunu mħeġġa t-tentattivi ta' qsim attiv ta' esperjenzi u ta' tagħlim minn ħaddieħor sabiex ikun implimentat approċċ bejn il-pajjiżi u interreġjonali.
- Teżisti wkoll il-ħtieġa li jitwessa' l-għarfien dwar il-miżuri politiki billi tinġabar dejta minn firxa akbar ta' pajjiżi, inklużi pajjiżi mill-Awstralażja, l-Amerika ta' Fuq u n-'Nofsinhar' globali.
- Hemm bżonn ta' użu akbar ta' inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni sabiex jinbidlu l-attitudnijiet, b'mod partikolari bil-għan li tkun imħeġġa aktar il-moralità fiskali.

### Aktar tagħrif

Ir-rapport, *Miżuri għall-indirizzar ta' xogħol mhux iddikjarat fl-Unjoni Ewropea*, huwa disponibbli fuq <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef0925.htm>. Il-'bank ta' għarfien' ta' studju tal-każijiet dwar xogħol mhux iddikjarat li jakkumpanjah huwa disponibbli wkoll fuq <http://www.eurofound.europa.eu/areas/labourmarket/tackling/search.php>.

Radoslaw Owczarzak, Maniġer tar-Riċerka  
[row@eurofound.europa.eu](mailto:row@eurofound.europa.eu)